MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 138/2013

**A B**

**vs**

**C B u**
**Q sive W B u**
**L B u**
**id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi hija twieldet fit-23 ta' Gunju 1995 u fic-certifikat tat-twelid taghha l-missier gie indikat bhala L B meta fil-fatt il-missier naturali taghha huwa l-intimat Q sive W G;
2. Illi saru t-testijiet tad-DNA, li kopja taghhom jinsabu hawn annessi, li minnhom jirrizulta indubjament illi l-missier bijologiku huwa l-imsemmi Q G. Id-dettalji tieghu huma dawn :

| | |
|---|---|
| Isem : | Q know as W |
| Kunjom : | G |
| Missieru : | HG (haj) |
| Ommu : | P nee U (hajja) |
| Post fejn twieled : | San Giljan |
| Data ta' twelid : | 2 ta' April 1958 |
| ID Number : | 323758 (M) |

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tikkonferma li l-missier naturali ta' l-attrici huwa l-intimat Q sive W G bin HG u Pnee U imwieled San Giljan fit-2 ta' April 1958 numru tal-karta ta' l-identita 323758 (M) u fiz-zmien tat-twelid tal-esponenti residenti San Gwann u mhux l-intimat L B;
2. Tordna li jigu kancellati mill-partijiet appositi tac-certifkat ta' twelid tal-esponenti l-konnotati tal-intimat L B bhala missier it-tarbija u li minflokhom jitnizzlu l-konnotati tal-imsemmi Q G bhala l-missier tal-esponenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi in linea preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in kwantu, dak mitlub jikkoncerna l-mertu tal-kawza l-esponent m`huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti mehmuza, ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti

3. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut L B, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok, il-Konvenut odjern jecepixxi n-nullita' ta' din il-Kawza billi huwa evidenti li A B, illum ta' tmintax-il sena, ma kinitx il-persuna li ghamlet ir-Rikors guramentat imma sar f'isimha

minghajr ma l-istess Rikorrenti kellha xi forma ta' kontroll fuq dak li nkiteb.

2. Illi tant huwa evidenti dak li qed jigi mnizzel fil-paragrafu precedenti peress illi meta allegatament sehhew il-fatti indikati kemm fl-ewwel paragrafu kif ukoll fit-tieni paragrafu allegatament mahlufa minn A B, kwantu ghall-ewwel paragrafu dina kienet ghadha kif twieldet u allura impossibli li taghmel id-Dikjarazzjoni illi wettqet minghajr prova xjentifika li trid taghmel l-istess A B a spejjez taghha jekk huwa l-kaz issa li ghalqet tmintax il-sena. Kwindi l-ewwel paragrafu huwa falz u illegali.
3. Kwantu ghat-tieni paragrafu, l-allegati testijiet saru meta r-Rikorrenti Attrici kien ghad kellha biss tliet snin u nofs, jigifieri erbatax-il sena u nofs ilu, u kwindi kien zgur impossibli li r-Rikorrenti Attrici kellha xi konjizzjoni ta' ezatt x'kien ghaddej dak iz-zmien.
4. Illi in linea preliminari ukoll il-Kawza hija nulla billi giet intavolata fuq fatti li kjarament gew dettati lil u saru f'isem A B. Dan jirrizulta manifestament u din il-Kawza ghandha tigi ddikjarata nulla u invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli, billi kif A B tista' tghid li missierha mhux l-Intimat L B, meta evidentament A B m'ghamlet u lanqas tablet ebda testijiet genetici, kif per ezempju naraw f'Artiklu 70A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili)?
5. Illi lanqas per ezempju ma A B baghtet xi Ittra Gudizzjarja lil missierha L B biex qabel ma ntavolat b'hafna ghaggla, ghar-ragunjiet t'ommha, din il-Kawza titlob lill-Intimat L B biex dan jaghti il-kunsens tieghu ghal test genetiku dwar il-Paternita' u li jaccettaw li jittiehdilhom kampjun genetiku xieraq ghat-test skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi vigenti.
6. Il-verita' hi li QO G kien fetah Kawza kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku u C B biss meta L B intebah b'dan u talab li jintervjeni fil-Kawza, talba li ntlaqghet mill-Qorti.
7. L-Imhallfin kienu tnejn, u cioe l-ewwel l-Onorevoli Imhallef NOEL ARRIGO, li sussegwentament sar Prim Imhallef, u s-successur tieghu f'dan il-Kaz kien l-Onorevoli Imhallef RAY PACE, li eventwalment ta s-Sentenza li minnha ma kien sar ebda Appell.
8. F'dik is-Sentenza, li sejra tigi esebita f'din ir-Risposta guramentata [ELENKU TA' DOKUMENTI – DOKUMENT JMC1], Citazzjoni Numru: 1937 / 1999 – RCP, Kawza Numru. 40, deciza fis-Seduta ta' nhar l-Erbgha , 30 ta' Gunju, 2004, Sentenza klassika ta' 85 faccata, li bl-ikbar qima din il-Qorti qeghda umilment tintalab li tidhol profondament fiha halli tivverifika dak li qed jigi sottomess f'din ir-Risposta Guramentata tal-Konvenut / Intimat L B,

partikolarment il-KONKLUZJONI tal-Qorti minn pagna 81 fil-qiegh sa pagna 85.

9. Illi in linea preliminari ukoll in-nullita' tac-Citazzjoni billi ma jirrizultax mill-Kopja li rcieva l-Intimat / Konvenut L B li effettivament A B hadet xi gurament billi l-Kawza giet ipprezentata mill-Prokuratur Legali GERALD BONELLO b'zewg dokumenti nhar it-8 ta' Lulju, 2013, u ffirmata mill-Avukat Dr. PETER BORG COSTANZI.
10. Jekk jirrizulta dak li qed jigi sottomess fil-paragrafu precedenti, iktar jikkonferma t-tezi tal-Intimat / Konvenut odjern li r-Rikorrenti Attrici lanqas biss kienet b'xi mod involuta fil-kostruzzjoni ta' din il-Kawza odjerna. Din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tinvestiga u tiehu passi jekk jirrizulta li dan huwa l-kaz.
11. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq suespost, din il-wisq Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel talba kif inhi imposta billi hija mibnija fuq premessi li qeghdin jigu ddikjarati bhala nulli u invalidi, ineffettivi u mhux enforzabbli.
12. Illi ma saret ebda talba biex isiru t-testijiet tad-DNA billi Dokument indikat bhala DNA PATERNITY TESTING REPORT huwa null u invalidu ghar-ragunijiet gia indikati, u partikolarment issir referenza ghas-Sentenza citata tat-30 ta' Gunju, 2004, partikolarment fl-ahhar paragrafu ta' pagna 84 u pagna 85. Il-Qorti kienet ordnat li kellhom ikunu notifikati l-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, u l-Kummissarju tal-Pulizija, tant kienet serja s-sitwazzjoni ta' qerq da parti ta' Q sive W G u C B f'dawk il-proceduri. Dana meta r-Rikorrenti Attrici kien ghad kellha biss tlett snin u nofs.
13. Illi dina l-Onorabbli Qorti fic-cirkostanzi ghandha tirregetta wkoll it-tieni talba tar-Rikorrenti Attrici (jekk qatt A B kienet involuta fil-kostruzzjoni ta' din il-Kawza) u dana abbazi tal-logika u tal-ligi tal-mod irresponsabbli u dilettantesk ta' kif giet intavolata dina l-Kawza.
14. Illi isem l-Intimata C B jirrizulta li effettivament mhuwhiex hekk u ssir referenza ghar-Rikors Guramentat Numru: 222 / 2013, Kawza ghad-Divorzju quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti kif ippreseduta u li tinsab diferita ghat-8 t'Ottubru, 2013, minn 10AM sa 11AM. Illi fic-cirkostanzi l-Intimat L B qed jopponi li tintalab korrezzjoni anki fid-dawl li gie esebit Certifikat tat-Twelid Numru Referenzjali: 2589 / 1995, u allura jirrizulta manifestament it-traskuragni u l-irresponsabbilita' li abbazi taghha giet intavolata din il-Kawza.
15. Illi naturalment dana ifisser illi l-ispejjez kollha konessi ma' din il-Kawza ghandhom jigu ssapportati mill-istess Attrici li tahdem m'ommha stess fil-business li hemm pendenti bejn QO G u C B

DEBATTISTA fic-centru taghhom CALBROS BATHROOM CENTRE, f'Numru 1, Triq Naxxar, gewwa Birkirkara.

16. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz, b'oppozizzjoni minn issa ghal kwalsiasi bdil, korrezzjoni, restrutturar, jew zieda maz-zewg talbiet tar-Rikorrenti Attrici billi dawn jimpingu fuq is-sustanza tal-Kawza u jmorru kontra il-Procedura Legali ta' kif ghandha tigi ntavolata Kawza.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut L B;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut L B, li permezz taghha ippremetta :

## A. PREMESSI

1. Premess illi l-Intimat L B, sa minn mindu twieldet A B nhar il-23 ta' Gunju, 1995, tul il-perjodu kollu tat-tnissil taghha, u proprju sal-20 t'April, 2011, flimkien ma' huha akbar Y B, li llum ghandu l-eta' ta' dsatax (19) il-sena, (student tal-inginerija tal-energija alternattiva – green energy technology) dejjem hadem u stinka, issagrifika lilu nnifsu minghajr ebda forma ta' xi lussu ghalih innifsu, biex jara lil dawn iz-zewg uliedu jikbru u jizviluppaw fizikament u mentalment.
2. Premess illi l-inqas hsieb li kellu l-Intimat L B kien li A B tista' ma tkunx tieghu, u meta omm dawn iz-zewgt itfal abbandunathom, kien l-istess missierhom li ta kull ma kellu ghalihom u sab l-ghajnuna imprezzabbli tan-nanna materna tal-istess zewgt itfal, Mary Debattista, li ghamlet minn kollox tul dawn is-snin kollha biex tara li n-nuqqas li dawn iz-zewgt itfal kellhom meta telqet ommhom biex tmur ma' dan ir-ragel mizzewweg b'hamest itfal diga', ittijulhom hi b'imhabba u dedikazzjoni.
3. Il-piz ghall-Intimat L B zdied b'mod immaginabbli peress illi biex seta' ssir din il-bidla radikali fil-hajja ta' L B, u taz-zewg uliedu li fil-21 ta' Dicembru, 1998, kellhom kwantu ghal Brandon hames (5) snin, u kwantu ghal ohtu tlett snin u nofs, kien hemm il-htiega li n-nanniet materni, b'tifla ohra oht C B u l-gharus taghha, kif ukoll tifla ohra Kirby li Mary Debattista kienet qed trabbiha hi ghan-nom ta' huha  Qo Mallia, b'kollox L B f'daru kellu jilqa' tmienja (8) min-nies, inkluz lilu nnifsu. Il-Qorti tista' timmagina

s-sagrificcju finanzjarju li kellu jaghmel L B biex jara lill-uliedu, fic-cirkostanzi tieghu, jitilghu mill-ahjar li seta' jipprovdilhom.

4. Il-mara ta' L B mhux biss abbandunat lill-uliedha, imma baqghet tul dan il-perjodu ta' erbatax il-sena u nofs, tohloq inkwiet lill-zewgha u tipprova tumiljah minghajr ebda skruplu, billi serqitlu d-dar, ma tatx farka ta' manteniment ghaz-zewg uliedha, kellha tarbija minn dan Qo G, ghexet il-hajja taghha minghajr qatt ma tat kas tal-ispejjez li zewgha kellu jaghmel biex irabbi lil dawn iz-zewgt itfal, waqfet tkellem lill-istess ommha minn dakinhar stess u lill-familjari kollha taghha tul dan il-perjodu kollu, imbaghad ghamlet kawza mas-sieheb taghha fejn allegaw li A kienet bint Qo G, u sajhansitra b'abbuz kbir hadet liz-zewgt itfal taghha ghand il-Clinipath gewwa l-Pieta', fejn ghamlu testijiet abbuzivi fuq dawn iz-zewg minuri minghajr il-kunens ta' L B, missierhom.

5. Premess illi mis-Sentenza esebita mal-Atti Processwali, Dokument JMC1, dik il-Qorti kienet cahditilhom it-talbiet taghhom fuq il-bazi li t-testijiet li ghamlu kienu minghajr l-Awtorizzazzjoni tal-Qorti u minghajr il-kunsens tal-Intimat L B. Illi dik il-Qorti, nhar it-30 ta' Gunju, 2004, ikkonfermat li L B kien il-missier kemm ta' Y B kif ukoll ta' A B. Dik hija l-verita'.

6. Illi dik il-Qorti wkoll, fil-konkluzjonijiet taghha, ghamlet certu direttivi li jsiru referenza ghalihom, biss fl-ebda mument ma tenniet li L B mhuwiex il-missier. Din il-kawza saret minn C B u Qo G u qeghdu kliem f'halq A B, li din tal-ahhar ma tistax tissostanzjhom. Ghalhekk il-kawza li ghamlet hija nulla u invalida, u anke hemm dubju serju jekk dawk il-fatti gewx ikkonfermati bil-gurament min-naha ta' A B.

7. Imma tidhol issa l-kwistjoni dwar l-ispejjez u d-danni kollha li kellu jbati L B tul dawn is-snin.

## B TALBIET

Talab li ir-rikorrenti tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tordna illi :

(a) Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghandu jigi kkonfermat li l-Kawza promutrici hija nulla, invalida, ineffettiva, u mhux enforzabbli, u li l-istess Attrici trid taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji abbinati ma' dawn il-Proceduri odjerni;

(b) Illi jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tiddetermina li dawn il-proceduri huma regolari, u ghall-grazzja tal-argument il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Attrici mhijhiex il-bint ta' L B, allura r-Rikorrenti Attrici ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha li l-

Intimat L B inkorra f'isimha sa mit-tnissil taghha sal-20 t'April, 2011, meta abbandunat lill-missierha L B, lill-huha Y B, lin-nanniet materni, minghajr ma tkellmet aktar maghhom, u marret tghix ma' C B, Qo G, u t-tifla li dawn ghandhom bejniethom, jisimha Shania G, u li llum din tal-ahhar ghandha seba (7) snin;

(c) Illi L B ghandu jigi kkumpensat ghad-danni kollha li huwa sofra, qed isofri, u ghad jista' jsofri kagun ta' dak kollu li kien kostrett li jaghmel ma' A B, pero' bl-intiza li dina kienet bintu u considerando li anke l-istess Qorti fis-Sentenza taghha ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Gunju, 2004, Kawza Numru 40, Citazzjoni Numru: 1937 / 1999 – RCP, fl-ismijiet "Q sive W G – versus – Direttur tar-Registru Pubbliku, et" ikkonfermat li l-missier ta' dawn iz-zewgt itfal ma kien hemm ebda dubju li kien L B;

(d) Illi jekk jirrizulta li r-Rikorrenti Attrici mhijhiex il-bint tal-Intimat / Konvenut L B, dana bl-ebda mod m'ghandu jaffettwa l-ezitu tas-Sentenza li kkonfermat il-Firda Legali bejn L B u C B Debattista li ntghatat minn din il-Qorti ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri, nhar l-24 ta' Frar, 2010, u li minnha ma kien sar ebda Appell, la minn naha u anqas mill-ohra;

(e) Illi din il-Qorti kif ippreseduta ghandha tikkonferma li l-mod kif din il-Qorti diversament ippreseduta illikwidat il-Kommunjoni tal-Akkwisti esistenti bejn L B u C B fis-Sentenza indikata fit-talba precedenti ghandhom jibqghu fermi irrispettivament mill-ezitu ta' din il-Kawza odjerna, kif ghandhom jigu kkonfermati l-ammonti li din il-Qorti kif preseduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri ordnat lil C B sive C B Debattista thallas lill-zewgha L B kopranti manteniment ghal zewg ulied dovut bl-arretrati b'kollox, ammonti ta' flus li C B giet ikkundannata thallas lill-zewgha, bl-imghaxxijiet u bl-ispejjez b'kollox ezatt kif dettat fis-Sentenza li kkonfermat l-adulterju ta' C B ma' W G, il-Firda Legali ta' bejn L B u C B, l-interessi supremi taz-zewg ulied Y B u A B, bid-dettalji kollha li hemm f'dik is-Sentenza mhux appellata u ghalhekk ikkonfermata u li issa ilha li ghaddiet in gudikat ghal numru ta' snin;

(f) Illi ghandu jigi kkonfermat li minkejja din il-Kawza odjerna, kif ukoll Kawza ohra relatata mad-Divorzju ta' bejn L B u C B (Rikors Guramentat 222 / 2013, fl-ismijiet B SONIA – VS – L B), differita ghat-tieni dehra ghal nhar it-8 t'Ottubru, 2013, mill-ghaxra ta' filghodu sal-hdax ta' filghodu (10-11AM), quddiem din il-Qorti kif ippreseduta;

(g) Illi f'kull kaz l-Intimat Konvenut L B m'ghandu jbati ebda forma ta' spejjez, la gudizzjarji u lanqas extra-gudizzjarji, billi kollox imur lura ghal Dicembru tas-sena 1998 meta C B

abbandunat id-Dar Matrimonjali gewwa Birkirkara, abbandunat liz-zewg uliedha, dak iz-zmien ta' eta' tenera, abbandunat lil zewgha, abbandunat dak kollu dinjituz biex tmur tikkoabita ma' ragel mizzewweg b'hamest itfal u li b'din l-azzjoni gabet disastru shih fil-hajja ta' L B, li swietlu ammonti kbar ta' flus tul dal-perjodu ta' hmistax-il sena inkluz bosta kawzi relatati li zgur qatt ma kien jobsor li sejjer ikun imdeffes fihom jew kostrett li jintavolhom;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut L B;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut L B li permezz taghha eccepiet :

Illi qabel xejn l-esponenti tirrileva illi fir-risposta guramentata u kontro-talba tal-istess L B hemm diversi allegazzjonijiet li m'humiex strettament relevant ghall-kawza u huma paroli zejda pero' f'dan l-istadju l-esponenti m'hijiex ser tikkumenta dwarhom u ser tillimita r-risposta guramentata taghha ghat-talbiet kif dedotti fil-kontro-talba;

Illi ghar-rigward tal-ewwel talba rikonvenzjonali fejn qed jintalab li l-Qorti tiddikjara l-kawza li ftaht jien bhala nulla, invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli, jien jidhirli illi fuq parir li inghatajt, li l-kawza li ftaht jien fil-fatt hija valida u hija enforzabbli u ghalhekk l-ewwel talba tal-istess konvenut ghandha tigi michuda;

Ghar-rigward tat-tieni talba, l-esponenti ma abbanunat lil hadd izda semplicement obdiet digriet tal-Qorti li tat provvediment dwar fejn hija ghandha tirrisjedi. Dak iz-zmien l-esponenti kienet ghadha minuri u kienet tenuta tobdi d-digriet u ma tistax tinstab responsabbli ghall-ebda spejjez li seta' ghamel L B fil-konfront taghha. Hija obdiet digriet tal-Qorti, haga li kienet legalment obbligata li taghmel u certament meta wiehed jimxi konformi mal-ligi ma jistax jigi tenut responsabbli ghal xi

Danni. F’kull kaz pero’ din l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1027 u 2153 tal-Kap 16;

Illi ghar-rigward tat-tielet talba fejn L B qed jitlob li jigi kompensat ghad-danni kollha li huwa sofra, qed isofri u li ghad jista’ jsofri kagun ta’ dak kollu li kien kostrett jaghmel mal-esponenti, l-esponenti tirrileva illi ghal dan hija ma tahti assolutament xejn u f’kull kaz l-istess L B kien jaf minn snin ilu li l-esponenti m’hijiex bintu naturali izda huwa rrezista b’kull mod li seta’ biex fixkel lill-missier naturali Q sive W G li jigi debitament rikonoxxut bhala missieri. Certament ghal dan l-agir ta’ tfixkil jahti biss l-istess L B. F’kull kaz ukoll din it-talba hija parzjalment *overlapping* mat-tieni talba u f’kull kaz ukoll hija preskritta a tenur tal-Artikoli 1027 u 2153 tal-Kap. 16;

Illi ghar-rigward tar-raba’ u hames talba, l-esponenti m’hijiex il-legittima kontradittrici dwarhom billi dawn jikkoncernaw il-firda legali bejn L B u Sonia B Debattista. L-esponenti ma kienetx parti f’dawn il-proceduri u billi l-esponenti illum hija maggorenni u fil-prezent hija impjegata u m’hijiex qeghda tattendi istituzzjoni edukattiva *full-time,* l-istatus tal-esponenti huwa totalment barra l-ambitu tal-istess proceduri ta’ separazzjoni personali u konsegwentement l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghar-rigward ta’ dawn iz-zewg talbiet bl-ispejjez kontra l-istess L B;

Ghar-rigward tat-talba (f) din hija *non sequitur* u ma hemm l-ebda talba dwarha;

Ghar-rigward tat-talba (g), l-esponenti ssostni illi huwa biss L B li ghandu jbati l-ispejjez tal-kontro-talba minnu maghmula u dan partikolarment billi huwa, ghalkemm jaf ben tajjeb li huwa m’huwiex il-missier naturali tal-esponenti qed jaghmel minn kollox biex ifixkel l-andament xieraq u regolari tal-istess process;

Illi finalment l-esponenti tirrileva illi l-istess L B ripetutament isemmi illi huwa ma jridx jidhol fi spejjez addizjonali izda jidher evidenti kemm mir-risposta guramentata kif ukoll mill-kontro-talba illi qed jara x'jista' jinventa biex izid l-ispejjez flok icekkinhom u f'dan ir-rigward l-esponenti tissottometti illi dan kollu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex taghti l-eventwali decizjoni taghha;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew ezebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tar-rikorrenti *stante* li hi tikkontendi li ghalkemm L B gie mnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid taghha bhala missierha naturali, fil-fatt huwa m'huwiex il-missier biologiku taghha peress li l-istess missier biologiku taghha huwa l-intimat l-iehor W G. Ghalhekk ir-rikorrenti permezz ta' din il-kawza qieghda titlob

lill-qorti sabiex filwaqt li tiddikjara li m'hijiiex il-wild naturali ta' L B, tiddikjara li hija l-wild naturali ta' W G u konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati ta' L B jigu kancellati minn fuq ic-certifikat taghha u jigu sostitwiti b'dawk ta' W G.

Min-naha tieghu l-intimat W G jiddikjara li huwa jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u li jigi dikjarat bhala l-missier naturali tal-istess rikorrenti.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Permezz tar-rikors guramentat taghha, r-rikorrenti tiddikjara li diga' saru t-testijiet tad-DNA li jippruvaw li L B m'huwiex missierha biologiku izda li fil-verita' missierha huwa W G. Il-qorti tirrileva li L B jipprezenta affidavit dettaljat immens u jipprezenta wkoll set ta' dokumenti, fosthom sentenza moghtija minn din l-istess qorti hekk kif diversament preseduta, pero' jrid jigi rilevat li dak li setghu ftehmu dwaru l-partijiet jew dak li seta' sar fil-passat ma jistax ifixkel lir-rikorrenti milli tfittex il-veru paternita' taghha u d-dritt taghha sagrosant li jkollha certifikat tat-twelid (u naturalment kull document ufficcjali iehor) li jkun jaqbel mal-fatti kif jirrizultawlha verament.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Illi jirrizulta li l-eccezzjonijiet tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku jduru fuq il-mertu tal-kaz u ghalhekk fin-nuqqas ta' eccezzjonijiet ta' natura preliminari, l-Qorti thoss li huwa opportun li jigu diskussi l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat L B.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat**

Il-qorti tirrileva li mir-risposta guramentata tal-intimat L B, jidher car li hemm numru ta’ eccezzjonijiet li gew imressqa u li fil-maggor parti taghhom huma kollha relatati mal-mertu jew ma’ fatti li skond l-istess intimat ma setghux jigu mahlufa mir-rikorrenti. Huwa anke f’dan il-kuntest li L B iressaq ukoll il-kontro-talba tieghu fejn fost talbiet ohrajn qed jitlob in-nullita’ tal-proceduri.

Ghal finijiet ta’ kompletezza jrid jinghad li l-qorti trid necessarjament tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjoni ta’ nullita tal-istess L B fejn jikkontendi li r-rikors guramentat sar minn terzi b’dan li l-istess rikorrenti ma kienitx taf x’inkiteb u ma kellha ebda kontroll fuq dak mitkub lanqas. Il-Qorti tirrileva li mir-rikors guramentat innifsu jirrizulta li kienet ir-rikorrenti stess li hadet gurament fuq il-kontenut tal-istess rikors (u ghalhekk anke l-eccezzjoni tal-istess intimat li tirrelata dwar in-nuqqas ta’ gurament qed tigi michuda). Permezz tal-affidavit taghha[1] r-rikorrenti tghid li minn dejjem kienet taf li l-intimat W G huwa verament missierha. Tghid li L B huwa konxju ta’ din ir-realta’ u li tixtieq li kunjomha jinbidel minn B ghal G. Jidher ghalhekk li sa’ minn mindu r-rikorrenti kienet ghadha zghira, dejjem kienet taf li fil-verita’ W G huwa missierha. Din hija r-realta’ li trabbiet biha u konsegwentement il-Qorti ma tara xejn li ghandu jwassalha sabiex tippronunzja n-nullita’ tal-istess rikors guramentat *stante* li mill-affidavit tal-istess rikorrenti jirrizulta car li minn dejjem (sa’ minn mindu kienet ghadha zghira) kienet konxja minn min hu verament missierha. Dan ifisser li dak kontenut fir-rikors promotur huma fatti li kienet tafhom l-istess rikorrenti sa’ minn mindu kienet ghadha tifla u ghalhekk m’hemm xejn hazin jew monk milli l-istess rikorrenti taghżel li tiehu gurament fuq l-istess rikors guramentat. Jekk imbaghad il-kontenut tieghu ma jintghogobx mill-istess intimat, allura din m’hijiex problema tar-rikorrenti. Il-qorti tirrileva wkoll li min-numru kbir ta’ eccezzjonijiet (kif ukoll il-kontro-talba) jidher car li l-istess intimat jitfa’ dawl ikrah fuq l-istess rikorrenti kwantu ghall-verzjonijiet taghha fis-sens jekk humiex veritieri jew le. Il-qorti m’hijiex ser tidhol fi kwistjonijiet li jmorru lil hinn mill-mertu tal-kaz odjern u cioe’ li tigi stabbilita darba ghal dejjem il-paternita’ tar-rikorrenti u xejn aktar. Ghalhekk numru ta’ dokumenti u xiehda li permezz taghhom l-intimat jipprova jxejjen il-kredibilita’ tar-

[1] Ara a fol 18 tal-process

rikorrenti m’ghandhom ebda rilevanza ghall-kaz odjern *stante* li t-talba originali hija dik ta’ bdil ta’ certifikat u mhux bdil fil- kura u kustodja. Il-Qorti tirrileva wkoll in kwantu ghad-danni reklamati mill-intimat fil-kontro-talba, apart il-fatt l-istess intimat m’ghamel ebda kwantifikazzjoni tal-istess, din il-Qorti m’ghandhiex kompetenza biex tiddeciedi kawzi ta’ danni.

L-intimat ghandu d-dubji tieghu anke fuq it-testijiet tad-DNA li saru aktar minn erbatax –il sena ilu[2] bħal li kieku l-fatt li t-testijiet saru diversi snin ilu jfisser li m’ghadhomx validi u li jridu jerggħu isiru. Jrid jinghad li t-testijiet tad-DNA huma l-aqwa prova li wiehed jista’ jipprezenta u konsegwentement, anke jekk tali testijiet jirrisalu lura ghal snin twal ilu dan ma jfissirx li l-istess testijiet m’ghadhomx validi. Barra minn hekk, il-qorti taghmel referenza wkoll ghall-affidavit ta’ Marisa Cassar[3] fejn jigi kkonfermat ukoll li W G huwa l-missier biologiku tar-rikorrenti.

Ghall-finijiet tal-kontro-talba u n-numru ta’ eccezzjonijiet imressqa mill-intimat, irid jinghad li dak li jrid jigi ppruvat quddiem din il-qorti huwa jekk hemmx lok sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti jew le. Kwalunkwe sentenza jew xiehda li tmur oltre mill-mertu tal-bdil tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti huwa superfluwu. Il-prova regina fil-kaz odjern giet prezentata in atti permezz tar-rapport tal-ezami tad-DNA u konsegwentement m’hemm ebda dubju li l-intimat L B m’huwiex missier ir-rikorrenti. Kwalunkwe informazzjoni ohra moghtija mill-istess intimat (fosthom kwistjonijiet ta’ natura legali bejn l-omm u r-rikorrenti huma totalment superfluwi peress li m’ghandhom ebda piz fuq il-mertu tal-kaz odjern) m’ghandha ebda piz fuq il-mertu tal-kawza odjerna u dan peress li kollox idur fuq id-DNA test u l-paternita’. *Stante* li mir-rizultat tal-istess DNA (hekk kif ikkonfermat minn Dr. Marisa Cassar) jirrizulta li r-rikorrenti m’hijiex il-wild naturali ta’ L B izda l-wild naturali ta’ W G l-qorti thoss li hemm provi bizzejjed biex ic-certifikat tat-twelid tal-istess rikorenti jinbidel.

[2] Ara a fol 4 – 6 tal-proċess
[3] Ara a fol 144 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza u l-kontro talba billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara u tikkonferma li l-missier naturali tal-istess attrici huwa Q sive W G, iben HG u P nee’ U, imwieled f’San Ġiljan fit-2 ta’ April 1958, li ghandu l-karta tal-identita’ numru 323758M u residenti fiz-zmien tat-twelid tal-istess rikorrenti f’San Ġwann.;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti A B mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem ‘L B’ u l-konnotati kollha tieghu u minflok jigi inseriti u sostituti bil-konnotati ta ’Q sive W G, iben HG u Pnee’ U (hajja), mwieled f’San  Ġiljan u li ghandu l-karta tal-identita’ numru 323758M;
(3) Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat L B;
(4) Tichad it-talbiet rikonvenzjonali kollha tal-intimat L B.

Bl-ispejjez kollha kontra C B u l-intimat L B fi kwoti indaqs bejnethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------